MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2005

Numru 10/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Marthese Micallef)**

**vs**

**Manuel Gatt**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Manuel Gatt numru ta’ karta’ ta’ identita’ 69148(m), akkuzat talli:

1. fil-31 ta’ Awissu, 2002, ghal habta tal-12.30pm gewwa l-Marsa, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’perikolu car, ikkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Mohammed Hassan Sami, bi strument li jaqta’ jew inigges skond kif iccertifika Dr. Andrew J Cassar MD ta’ l-isptar San Luqa;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu arma rregolari minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ingurja u hedded lil Mohammed Hassan Sami;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kien fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu innifsu;

5. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-paci pubblika bi glied u ghajjat;

6. aktar tard fl-istess data, fl-ghassa tal-Hamrun, ghad li kien xurban, qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indicenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni, jew b'xi mod iehor offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika.

Rat l-Artikoli tal-Avukat Generali li permezz taghhom baghat l-atti tal-kumpilazzjoni lil dina l-Qorti sabiex fin-nuqqas ta' opposizzjoni minn naha tal-imputat jigi ggudikat minna a bazi tal-Artikoli tal-ligi citati fl-istess rinviju;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Jinghad fl-ewwel lok li l-imputat ghandu jirrispondi biss ghar-reat ta' ferita gravi taht l-Artikolu 214, 215, 216, 217 u 218 tal-Kap 9 u ghar-reati taht l-Ordinanza dwar l-Armi stante illi l-offizi l-ohra, li huma kontravenzjonijiet, huma kolpiti bil-preskrizzjoni ta' tlett xhur. Di fatti l-imputat huwa mixli li kkommetta l-offizi, li bihom qieghed akkuzat ai termini tar-rinviju, fil-31 ta' Awissu, 2002 u mill-komparixxi

ossija c-citazzjoni jirrizulta li din giet mahruga biss fil-5 ta' Jannar, 2003, jigifieri aktar minn tlett xhur wara.

Issa l-fatti li taw lok ghall-akkuzi huma li fil-gurnata u hin imsemmija l-imputat mar jirriverbwuxxi l-kwerelant li kien qieghed jahdem fuq faccata ta' dar u fil-process kien qieghed itajjar hafna trab li kien qieghed jispicca fuq il-vettura parkeggjati f'dik it-triq. Mata l-imputat kellek lill-imputat u avvicinah bil-vettura tieghu insista li kellu jahsillu l-vettura. Hemmhekk qam diverbju bejniethom. L-imputat fl-istqarrija minnu rilaxxjata jammetti li mar id-dar u gab 'spanner' li pero' jinnega li uzha fuq il-kwerelant. Hu fatt ukoll, anke korroborat minn xhud indipendenti, li l-kwerelant f'hin minnhom imbotta l-imputat ma' l-art u beda jaghti bil-ponn fuq bieb ta' garaxx. Dan l-ahhar fatt huwa rilevanti ghall-finijiet tal-akkuza tal-ferita gravi li tikkonsisti fil-ksur tal-hames ghadma ta' l-id il-leminija tal-kwerelant. Dan ghaliex ma jistax jigi eskluz li dan il-ksur gie inflitt minhabba d-daqqiet ta' ponn, fatt li fl-assiem tal-provi jidher li hu l-aktar probabbli. Ghalhekk tapplika l-massima 'in dubbio pro reo'.

Ghar-rigward l-offizi kontra l-Kap 66 hu fatt ammess mill-imputat li f'waqt l-incident kellu fuq il-persuna tieghu zewg imwies. Hu fatt ukoll ammess li kellu arma rregolari konsistenti fi 'spanner'. Imkien mill-provi pero' ma jirrizulta li l-imputat f'xi hin ghamel uzu mill-imwies anzi l-uzu taghhom hu eskluz u hemm dubbju dwar x'uzu ghamel mill-ispanner. Fic-cirkostanzi, ghalhekk, il-Qorti hi ta' l-fehma li filwaqt li ghandha ssib l-imputat hati li kellu fuq il-persuna tieghu strument li jaqta' u bil-ponta dan ghandu jigi kkunsidrat taht l-Artikolu 13 tal-Kap 66.

Rat ghalhekk l-imsemmi Artikolu 13 tal-kap 66 u filwaqt li ssibu hati biss talli garr strument bil-ponta minghajr l-licenzja tal-pulizija, tikkundannah multa ta' Lm20. Fil-konfront l-offizi l-ohra, tiddikjara dawk li huma kontravenzjonali preskritti u mill-bqija tilliberah. Tordna pero' l-konfiska tal-imwies.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------